L-applikazzjoni tiegħek lill-QEDB

EUROPEAN COURT OF HUMAN RIGHTS
COUR EUROPÉENNE DES DROITS DE L'HOMME

COUNCIL OF EUROPE

CONSEIL DE L'EUROPE

L-applikazzjoni tiegħek lill-QEDB

Kif tapplika u kif tiġi pproċessata l-applikazzjoni tiegħek

Dan id-dokument ġie ppreparat mill-Unità tar-Relazzjonijiet Pubbliċi tal-Qorti. Id-dokument ma jorbotx lill-Qorti. Hu maħsub biex jipprovdi informazzjoni ġenerali bażika dwar kif taħdem il-Qorti.

Għal informazzjoni aktar dettaljata, rreferi għad-dokumenti maħruġa mir-Reġistru (disponibbli fuq is-sit tal-Qorti: www.echr.coe.int) u b'mod partikolari r-Regoli tal-Qorti.

Il-maġġoranza l-kbira tal-applikazzjonijiet ippreżentati lill-Qorti huma ddikjarati inammissibbli, dan ifisser li l-Qorti tirriġettahom mingħajr ma teżamina l-mertu tal-każ għaliex l-applikazzjoni ma tissodisfax il-kriterji ta' ammissibilità. Deċiżjonijiet li jiddikkjaraw applikazzjonijiet inammissibbli huma finali u ma jistgħux jiġu kkontestati.

Għaldaqstant jekk ma tridx li l-Qorti tirrifjuta l-applikazzjoni tiegħek, hu importanti li tissodisfa l-kriterji ta' ammissibilità kollha. Qabel ma tippreżenta l-applikazzjoni tiegħek, jekk jogħġbok ikkonsulta s-sit tal-Internet tal-Qorti, b'mod partikolari l-Gwida ta' Ammissibilità.

TRID TIPPREŻENTA APPLIKAZZJONI LILL-QORTI

Il-formola ta' applikazzjoni hi disponibbli fuq is-sit tal-Internet tal-Qorti. Niżżel il-formola u imla kull parti, tħalli xejn barra u ibgħatha lill-Qorti, flimkien mal-kopji tad-dokumenti rilevanti – **mhux l-oriġinali** għax dawn ma jerġgħux jintbagħtu lura lilek fl-aħħar tal-proċediment. Tikkuntattjax lill-Qorti biex tikseb kopja stampata tal-formola, jekk tipprintjaha inti stess tiffranka l-ħin u tiżgura li l-applikazzjoni tasal il-Qorti fil-ħin (ikkonsulta l-Practice Direction dwar kif jitressqu l-proċedimenti u n-nota dwar kif timla formola ta' applikazzjoni, disponibbli fuq is-sit tal-Internet tal-Qorti).

Jekk l-applikazzjoni tiegħek mhux kompluta hemm riskju li ma tiġix eżaminata mill-Qorti, għalhekk hu essenzjali li timla sew kull parti tal-formola ta' applikazzjoni. Jekk parti waħda mill-formola ma tiġix mimlija kif suppost, jew hemm informazzjoni nieqsa, jew ma nkludejtx kopji tad-dokumenti mitluba, il-Qorti tista' tirrifjuta li tirreġistra l-applikazzjoni tiegħek mingħajr ma teżaminaha.

Tista' tapplika lill-Qorti f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Kunsill tal-Ewropa – il-Franċiż jew l-Ingliż – jew fil-lingwa uffiċċjali ta' kwalunkwe mill-Istati membri tal-Kunsill tal-Ewropa.

Inti mhux obbligat li tkun rappreżentat minn avukat fil-bidu tal-proċedura. Iżda, jekk eventwalment tiddeċiedi li tuża s-servizz ta' avukat, inti għandek tibgħat lill-Qorti dokument iffirmat li jawtorizza lill-avukat tiegħek biex jirrappreżentak quddiem il-Qorti.

Meta tkun imlejt kull parti tal-formola ta' applikazzjoni, ibgħatha lil dan l-indirizz flimkien mal-kopji tad-dokumenti rilevanti.

The Registrar
European Court of Human Rights
Council of Europe
67075 Strasbourg cedex
France

Ikun aħjar jekk tibgħat l-applikazzjoni tiegħek permezz ta' ittra reġistrata. Int għandek tibgħatha fi żmien erba' xhur mid-data ta' l-aħħar deċiżjoni tal-qrati nazzjonali. Id-data li tiġi meqjusa mill-Qorti hija dik tat-timbru tal-posta fuq l-applikazzjoni li tibgħat. **Kun af li l-applikazzjonijiet jistgħu jintbagħtu bil-posta biss.**

Fi kwalunkwe każ, nagħtuk parir li tibgħat l-applikazzjoni tiegħek **mill-aktar fis possibbli** wara li l-proċediment fuq livell nazzjonali jkun spiċċa b'deċiżjoni ġudizzjarja.

ISSA LI BGĦATT L-APPLIKAZZJONI TIEGĦEK LILL-QORTI

L-applikazzjoni tiegħek tasal fl-Uffiċċju Ċentrali tal-Qorti, li jirċievi madwar 1,500 ittra kuljum. Minħabba li tirċievi ammont kbir ta' ittri, il-Qorti ma tistax tinformak immedjatament li tkun irċiviet l-applikazzjoni tiegħek.

Iċċempilx lill-Qorti biex tivverifika jekk l-applikazzjoni tiegħek waslitx. Il-Qorti tikkuntatjak biss jekk ikollha bżonn ta' aktar informazzjoni.

L-Uffiċċju Ċentrali jqassam l-ittri u jibgħat l-applikazzjoni tiegħek lid-diviżjoni legali responsabbli għall-Istat li kontrieh tkun saret l-applikazzjoni, biex din tiġi pproċessata. Per eżempju applikazzjoni kontra l-Ġermanja, tintbagħat lid-diviżjoni legali li tipproċessa l-każijiet Ġermaniżi, dan għaliex in-nies li jaħdmu f'dik id-diviżjoni jitkellmu bil-Ġermaniż u huma familjari mal-leġiżlazzjoni tal-pajjiż.

Il-każ tiegħek jingħata numru u jiġi eżaminat minn avukat. Dan ma jfissirx li l-Qorti aċċettat l-applikazzjoni tiegħek; ifisser biss li l-applikazzjoni ġiet irreġistrata. **Jekk il-Qorti tikkuntattjak, għandek tirrispondi fil-limitu taż-żmien speċifikat, inkella jista' jkun li l-fajl tiegħek jiġi riġettat jew jinqered.**

Ladarba l-Qorti jkollha l-informazzjoni kollha meħtiega biex teżamina l-każ tiegħek, l-applikazzjoni tiegħek tiġi allokata lil waħda mill-formazzjonijiet ġudizzjarji tal-Qorti.

Matul il-proċediment, anka jekk qed jieħu żmien twil, inti għandek tistenna li l-Qorti tikkuntattjak. Minħabba l-ammont kbir ta' applikazzjonijiet li tirċievi kull sena (aktar minn 50,000) u n-numru ħafna akbar ta' każijiet pendenti quddiemha, il-Qorti ma tistax tikkonfermalek li rċiviet l-ittri u d-dokumenti li jaslulha jew tgħidlek meta, bejn wieħed u ieħor, ser jiġi eżaminat il-każ tiegħek.

Il-proċedimenti quddiem il-Qorti huma bil-miktub. Kwalunkwe informazzjoni li tixtieq tippreżenta lill-Qorti għandha ssir bil-miktub.

L-EŻAMINAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI TIEGĦEK

1. Formazzjonijiet ġudizzjarji

La darba l-Qorti jkollha l-informazzjoni kollha li teħtieġ biex teżamina l-każ tiegħek, l-applikazzjoni tiegħek tiġi allokata lil waħda mill-formazzjonijiet ġudizzjarji tal-Qorti, skont it-tip ta' każ: imħallef uniku, Kumitat jew Kamra.

- Jekk l-applikazzjoni tiegħek hi inammissibbli b'mod ċar għax ma tissodisfax il-kriterji kollha ta' ammissibilità, tiġi ttrattata minn **imħallef uniku.** Id-deċiżjoni ta' inammissibilità mogħtija minn dak l-imħallef hi finali u inti tiġi infurmat/a dwarha. **Mhux possibbli li tikkontesta d-deċiżjoni ta' inammissibilità jew li titlob aktar informazzjoni dwarha. Il-Qorti tagħlaq il-każ u aktar tard il-fajl jinqered.**
- Jekk il-każ tiegħek hu meqjus bħala każ ripetittiv, li jqajjem kwistjoni li l-Qorti diġà ddeċidiet f'numru ta' każijiet, dan jiġi trattat minn **Kumitat ta' 3 imħallfin**. F'dan il-każ tirċievi ittra li tispjega l-proċedura . **Għal darb'oħra, il-Qorti tikkuntattjak jekk u meta jkun hemm bżonn.**
- Jekk il-każ tiegħek mhux meqjus bħala każ ripettitiv, dan jiġi eżaminat minn **Kamra ta' 7 imħallfin.** Il-Kamra xorta tista' tiddikkjara l-każ inammissibbli u jekk tagħmel dan id-deċiżjoni tkun finali. Iżda jekk tqis li l-każ hu ammissibbli din teżamina l-mertu tal-ilment tiegħek. Qabel tagħmel dan, l-ewwel tikkomunika l-applikazzjoni lill-Gvern ikkonċernat biex tinformahom dwar l-ilmenti u biex ikunu jistgħu jissottomettu l-osservazzjonijiet dwar is-suġġett tal-ilment. Dawk l-osservazzjonijiet jintbagħtu lilek biex inti jkollok opportunità twieġeb. Għalkemm inti mhux obbligat/a li tkun rappreżentat/a minn avukat sa mill-bidu nett tal-proċediment, il-Qorti tistiednek biex tuża wieħed f'dan l-istadju. **Mill-ġdid infakkrek li l-Qorti ser tikkuntattjak hi.**
- Għall-informazzjoni tiegħek, l-ebda applikazzjoni ma tintbagħat direttament quddiem il-**Kamra l-Kbira ta' 17-il imħallef**, iżda Kamra tista' tirrinunzja l-ġurisdizzjoni tagħha favur il-Kamra l-Kbira, jew każ jista' jiġi rinvijat lill-Kamra l-Kbira fi stadju aktar avanzat tal-proċediment. Rinunzja hi possibbli meta l-kas iqajjem mistoqsijiet serji dwar l-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni jew jekk hemm riskju ta' inkonsistenza ma' deċiżjoni preċedenti tal-Qorti. Każ jista' wkoll jiġi rinvijat lill-Kamra l-Kbira, fuq talba ta' kwalunkwe parti, fi żmien 3 xhur minn meta l-Kamra tat is-sentenza, iżda l-Qorti taċċetta talba għal rinviju f'każijiet eċċezzjonali biss.

2. Kemm jieħu żmien il-proċess?

Mhux possibbli tgħid kemm jieħu żmien, bħala medja, biex il-Qorti teżamina applikazzjoni. Dan jiddependi fuq it-tip ta' każ, il-formazzjoni ġudizzjarja li tiġi assenjata, kemm il-partijiet jagħtu malajr lill-Qorti l-informazzjoni li għandha bżonn u ħafna fatturi oħra. **Il-Qorti teżamina l-applikazzjonijiet f'ċertu ordni, li jieħu inkonsiderazzjoni l-importanza jew l-urġenza tal-każ inkwistjoni.** Dan ifisser, per eżempju, li l-aktar każijiet serji jew dawk li juru l-eżistenza ta' problemi fuq skala kbira jingħataw prijorità. Dan jispjeġa għaliex applikazzjoni li ġiet introdotta wara tiegħek jaf tiġi deċiża waqt li l-applikazzjoni tiegħek għadha pendenti quddiem il-Qorti.

3. Smigħ

Il-Qorti torganizza smigħ f'numru żgħir ta' każijiet tal-Kamra jew tal-Kamra l-Kbira (madwar 30 kull sena). Jekk il-Qorti tiddeċiedi li jkollha smigħ fil-każ tiegħek, inti tiġi nfurmat. Is-smigħ kollha huma rrekordjati u wieħed jista' jarahom fuq is-sit tal-internet tal-Qorti.

IT-TMIEM TAL-PROĊEDIMENT

Il-Qorti tista' tagħlaq il-każijiet f'diversi modi.

1. L-APPLIKAZZJONI TIĠI RIĠETTATA

➡ IL-FAJL JIĠI MEQRUD

Jekk fil-bidu tal-proċediment, il-Qorti tikkuntattjak u inti ma tirrispondix fil-limitu taż-żmien stabbilit, il-Qorti tista' tikkonkludi li inti ma tixtieqx tkompli bil-każ u tiddeċiedi li tagħlaq il-każ. Il-fajl tiegħek jinqered u ma jkollokx dritt li tappella kontra dik id-deċiżjoni.

➡ IL-KAŻ JIĠI KKANĊELLAT MIL-LISTA TAL-QORTI

Fi stadju aktar avvanzat tal-proċediment, wara li l-applikazzjoni tiegħek tiġi assenjata lill-formazzjoni ġudizzjarja, il-Qorti tista' tikkanċella l-applikazzjoni mil-lista tal-każijiet jekk inti ma tirrispondix għat-talbiet tagħha fiż-żmien stabbilit; il-Qorti tista' tikkonkludi li inti ma tixtieqx tkompli bil-każ u tiddeċiedi li tagħlaq il-każ. Il-Qorti tista' ukoll tikkanċella każ mil-lista tagħha wara ftehim bonarju jew dikjarazzjoni unilaterali.

Għaldaqstant hu essenzjali li tirrispondi lill-Qorti mingħajr dewmien. Dan jiżgura li ma jiġix meqjus li inti applikant/a li mhux interessat/a fil-kontinwazzjoni tal-applikazzjoni tiegħek u li l-Qorti ma tikkanċellahiex mil-lista jew tagħlaq il-fajl.

➡ IL-KAŻ HU DIKJARAT INAMMISSIBBLI

Jekk inti ma ssoddisfajtx wieħed mill-kriterji ta' ammissibilità, il-Qorti tiddikjara l-applikazzjoni tiegħek inammissibbli u d-deċiżjoni tkun finali.

2. TINGĦATA SENTENZA

Jekk l-applikazzjoni tiegħek ma kinitx iddikkjarata inammissibbli l-Qorti, wara li teżamina l-applikazzjoni, jista' jkun li ma ssib ebda ksur tal-Konvenzjoni, jew għall-kuntrarju ssib li d-drittijiet tiegħek ġew miksura. Jekk issib ksur, tista' tagħtik kumpens. Madanakollu kun af li l-Qorti qatt ma tista' tannulla deċiżjoni ta' qorti nazzjonali.

Jekk tingħata sentenza minn Kumitat, din tkun finali u ma hemmx possibilità ta' appell. Sentenza ta' Kamra ssir finali 3 xhur wara li tkun ingħatat. Matul dawk it-3 xhur inti jew il-Gvern ikkonċernat tistgħu titolbu r-rinviju tal-każ lill-Kamra l-Kbira biex jiġi eżaminat mill-ġdid. Ftakar li l-Qorti taċċetta talbiet għal rinviju f'każijiet eċċezzjonali biss. Is-sentenzi tal-Kamra l-Kbira huma finali u inappellabbli.

Meta sentenza li ssib ksur issir finali l-Qorti tittrażmetti l-fajl lill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa li hu responsabbli biex jissuperviżjona l-eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-Qorti. Dan jagħlaq il-proċediment quddiem il-Qorti.

Konklużjoni – hu importanti li tikkonforma mal-kriterji ta' ammissibilità meta tressaq każ quddiem il-Qorti. Jekk ma tagħmilx dan il-Qorti jkollha tirriġetta l-applikazzjoni tiegħek mingħajr ma teżamina l-ilmenti tiegħek.

Barra minn hekk, meta l-Qorti tiddikkjara applikazzjoni inammissibbli, dik id-deċiżjoni hi finali u ma jkunx possibbli li terġa tiftaħ il-każ jew li tressaq applikazzjoni oħra bl-istess ilmenti.

TAJJEB LI TKUN TAF

Anonimità

Id-dokumenti marbutin mal-proċediment quddiem il-Qorti huma aċċessibbli għall-pubbliku. Jekk tixtieq tibqa' anonimu, għandek tinforma lill-Qorti meta timla l-formola ta' applikazzjoni u tispjega għaliex tixtieq tibqa' anonimu.

Ftehim bonarju

Jekk il-Qorti tqis l-applikazzjoni tiegħek ammissibbli, ser tipprova tilħaq arranġament – ftehim bonarju – bejnek u l-gvern konvenut. Jekk dan ma jkunx possibbli, il-Qorti teżamina l-ilmenti tiegħek u tagħti sentenza.

Dikjarazzjoni unilaterali

Jekk tirrifjuta offerta ta' ftehim bonarju mingħajr ġustifikazzjoni, il-Qorti tista' tikkanċella l-applikazzjoni tiegħek mil-lista tagħha wara li l-Gvern jagħmel dikjarazzjoni fejn jirrikonoxxi li kien hemm ksur tal-Konvenzjoni u jimpenja ruħu li jagħtik rimedju adegwat.

Miżuri temporanji

Tista' titlob miżura temporanja biss jekk inti tinsab f'periklu iminenti jew jekk hemm theddida serja fuq saħħtek – per eżempju jekk inti ser tiġi mibgħut lejn pajjiż fejn hemm riskju li tiġi torturat.

MISTOQSIJIET FREKWENTI

Jekk nippreżenta applikazzjoni lill-Qorti, dan ifisser li ma għandix għalfejn nikkonforma mas-sentenza finali mogħtija mill-qrati domestiċi?

Le, applikazzjoni lill-Qorti ma għandhiex effett sospensiv. Inti għandek tikkonforma mad-deċiżjonijiet finali tal-qrati nazzjonali anka jekk tippreżenta applikazzjoni lill-Qorti ta' Strasbourg.

Il-Qorti tista' tgħini nsib avukat?

Le, il-Qorti ma tistax tgħinek issib avukat. Tista' tikkuntattja l-Kamra tal-Avukati lokali u tistaqsi għal-lista tal-membri.

Il-Qorti tista' tgħini nimla l-formola ta' applikazzjoni?

Le, il-Qorti ma tistax tgħinek timla l-formola ta' applikazzjoni. Il-Qorti għandha tibqa newtrali fil-proċedimenti kollha mressqa quddiemha. Kull ma tista' tagħmel hu li tirreferik għall-pakkett tal-applikazzjoni, li tistà ssib fuq l-internet u li jinkludi d-dokumenti u l-informazzjoni kollha li għandek bżonn biex tippreżenta applikazzjoni.

Hemm sistema ta' għajnuna legali?

Iva. Iżda ma tistax titlob għajnuna legali mill-bidu nett tal-proċediment. Tista' tagħmel dan biss meta l-każ jiġi kkomunikat lill-Gvern konvenut. Jekk jogħġbok kun af li l-għajnuna legali ma tingħatax awtomatikament lil kull min jitlobha.

Jekk immur il-Qorti, nista' nispjega l-każ tiegħi direttament jew nagħmel xi ħaġa biex il-każ tiegħi jiġi ttrattat malajr?

Le. Il-proċedimenti quddiem il-Qorti huma bil-miktub u għalhekk hu inutli li tmur il-Qorti. Hu biss ħela ta' ħin.

Il-Qorti tista' tagħtini parir legali?

Ir-rwol tal-Qorti mhux li tagħti parir legali dwar liema proċeduri jew passi għandek tieħu ġewwa pajjiżek. Dwar il-proċedimenti quddiem il-Qorti ta' Strasbourg, kollox hu spjegat fid-dettall fid-dokumenti ta' informazzjoni disponibbli fuq is-sit tal-Internet tal-Qorti. Il-Qorti ma tistax tgħidlek kemm għandha ċans tkun ta' suċċess l-applikazzjoni tiegħek; inti għandek sempliċiment tistenna sakemm tittieħed deċiżjoni jew tingħata sentenza.

Il-Qorti tista' tieħu azzjoni fil-pajjiż li kontrieħ jien nippreżenta applikazzjoni?

Le. Il-Qorti ma tiħux azzjoni f'ismek mal-awtoritajiet li kontrihom inti ppreżentajt l-ilment. Iżda f'każijiet eċċezzjonali jista' jkun li tistaqsi lill-awtoritajiet nazzjonali biex jieħdu ċertu miżuri jew biex ma jieħdux ċertu passi sakemm ikollha ċans teżamina każ (dan hu riżervat l-aktar għal-każijiet fejn l-applikant ikun qed jiffaċċja riskju ta' ħsara fiżika serja).

Il-Qorti diġà ttrattat każijiet oħra bħal tiegħi?

Is-sentenzi tal-Qorti huma ppubblikati fuq is-sit tal-Internet tagħha. Inti tista' tfittex is-sentenzi eżistenti biex tara jekk il-Qorti eżaminatx diġà każijiet simili għal tiegħek.

Jekk l-applikazzjoni tiegħi kienet dikjarata inammissibbli, nista' nappella kontra dik id-deċiżjoni?

Id-deċiżjonijiet ta' inammissibilità huma finali u ma jistgħux jiġu kkontestati. Dan juri kemm hu importanti li l-applikanti jassiguraw li huma konformi mal-kriterji ta' ammissibilità qabel jippreżentaw applikazzjoni lill-Qorti.

Kif nista' nikseb informazzjoni dwar il-każ tiegħi?

Il-Qorti ma tistax twieġeb għat-talbiet kollha li tirċievi dwar il-progress tal-każijiet pendenti quddiemha. Minħabba li l-proċedimenti quddiemha huma bil-miktub, il-Qorti tiktiblek jekk ikollha bżonn ta' informazzjoni addizzjonali jew fl-istadji differenti tal-proċediment. Ċertu informazzjoni tinsab ukoll fuq is-sit tal-Internet tal-Qorti (dwar komunikazzjoni lill-gvern, mistoqsijiet lill-partijiet, deċiżjonijiet ta' ammissibilità eċċ.).

L-applikazzjoni tiegħek lill-QEDB:

Kif tapplika u kif tiġi pproċessata
l-applikazzjoni tiegħek

European Court of Human Rights
Council of Europe
67075 Strasbourg cedex
France

www.echr.coe.int

Design © ECHR · Photo © Shutterstock

MLT